9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 74**

**It-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2023**

Il-Laqgħa numru 73 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**73.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta.

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**73.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 73 ġew approvati unanimament.

**73.2.2 Korrezzjonijiet**

**73.2.2.1** Minuta 72.5.1 – tiżdied il-frazi sabiex jiġu diskussi temi dwar il-lokalita'
**73.2.2.2** Minuta 72.5.2 – il-kelma "għaldaqtant" issir "għaldaqstant"

**73.2.2.2** Minuta 72.6.1 – il-kelma "Callosso" issir "Calosso"
**73.2.2.2** Minuta 72.5.1 – il-kelma "min" issir "minn"

**73.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**73.3.1** Minuta 72.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li it-tender tal-latrina li ser issir fi ġnien Romeo Romano ġiet ippubblikata.

**73.3.2** Minuta 72.3.2 - Is-Sindku informa lill-membri li saret il-laqgħa urġenti dwar l-esperjenza tal-maltempata fi Triq Vivion li spiċċat mgħarrqa b'konsegwenza li kien hemm xi garaxxijiet li ġarrbu xi ħsarat. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li waqt il-laqgħa ġie deċiż li ser jiltaqgħu il-Periti ta' Infrastructure Malta li kienu nvoluti fil-proġett ta' Triq il-Markiż Scicluna u Triq Adelaide Cini. S'issa, il-Kunsill għadu ma rċeviex komunikat dwar din il-problema.

**73.3.3** Minuta 72.4.1 – Is-Sindku informa lill-membri li dwar l-kirja tal-garaxx seret laqgħa mas-sid fejn dan talab sabiex tiżdied il-kera b'€50 fix-xahar. Wara diskussjoni l-Membri qablu sabiex l-prezz tal-kera jibqa l-istess jew inkella tinħareġ l-espressjoni ta' interess. Izda jekk is-sid preżenti jaqbel fuq din il-proposta li l-ammont jibqa l-istess il-Kunsill iġedded il-kirja.

**73.3.4** Minuta 72.4.1 - Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia ġiet posposta.

**73.3.5** Minuta 72.6.3 - Is-Sindku informa lill-membri li ġie preżentat kif ser isir l-istudju Urban mingħand Dr Antoine Zammit fejn qiegħed ikun preżentat li Santa Venera trid tinqasam f'sitt żoni sabiex ikun possibbli li jiskatta l-proċess tar-Residential parking. Wara diskussjoni fuq din il-proposta il-Membri tal-kunsill qablu unanimament sabiex Dr Zammit jiskatta bil-proposti ta' Zona 1 u Zona 5.

**73.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**73.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand Wasterserv fejn bħalissa qed isir xogħol ta' riabilitazzjoni ta' Razzett f'Romeo Romano, Heritage Malta qed tappoġġa fil-possibilità ta' rilokazzjoni tal-artifacts li jinsabu ġewwa l-bini. Għalkemm kienu għamlu żjara f'Lulju, ma setgħux jaċċessaw waħda mill-kamra li tinsab fl-ewwel sular. Biex jiksbu ftehim komprensiv tal-istat attwali, huma talbu aċċess għall-kmamar kollha, u pproponew laqgħa fuq il-post għall-ġimgħa d-dieħla. F'dan ir-rigward s-Sindku qal li kellu laqgħa mal-persuni konċernati.

**73.5 Rapporti / Korrispondenza**

**73.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat b'referenza għar-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju li sar mill-Uffiċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà fir-rigward taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Venera fejn ġie nnutata li m'hemm l-ebda sistema t' alarm tan-nar fiċ-Ċentru u lanqas detectors tad-duħħan.

Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex il-Kunsill jinstalla s-sistema.

**73.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kumitat Festi Esterni informa lill-Kunsill li ma kienux iridu jibqgħu responsabbli sabiex jiftħu u jagħlqu l-ġonna. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li kien imisshom jagħmlu dan ix-xogħol l-Għaqda tal-Banda ta' Santa Venera u għaldaqstant ser ikun iffirmat l-MOU magħhom.

Il-Membri qablu unanimament.

**73.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li hemm CCTV cameras f'ċertu toroq li jista' jsir preservazzjoni tagħhom filwaqt li l-meter tad-dawl jista' jibqa' imwaħħal.

Wara diskussjoni l-membri b'mod unanimu qalu sabiex issir preservazzjoni ta' CCTV cameras ta' dawn it-toroq:

- Triq Brighella
- Triq Antonio Miruzzi
- Triq Mons. G Depiro
- Triq Reġjonali
- Triq San Ġorġ

**73.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li wara li saru sessjonijiet ta' informazzjoni relatati mal-espansjoni tal-Infrastruttura tal-Iċċarġjar tal-Vetturi Elettriku (EVCI) li saru f'Lulju, l-EWA ħadet is-suġġeriment li tipprovdi lill-Kunsilli Lokali lista ta' siti proposti anki qabel ma jsiru ż-żjarat tekniċi fuq is-sit. Huma ser jimxu fu is-siti li l-Kunsill kien irrakkomanda. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jipproponi żewġ siti oħra addizzjonali Triq Ħal-Qormi ħdejn il-MECP u Amber Court u Triq il-Parilja k/m Triq il-Kaless jew k/m Triq ix-Xarretta.

Il-Membri qablu unanimament.

**73.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera li ser jorganizza l-attivita' dik ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena. Bħala Kumitat talbu l-għajnuna tal-Kunsill Lokali Santa Venera sabiex jgħin fil-kiri tat-tinda, sound u affarijiet tal-loġistika li jammontaw għal circa €2k.

Wara diskussjoni l-membri qablu li li l-attivita trid issir fil-Ġnien Romeo Romano u tkun organizzata mill-Kunsill konġunta mal-istess Kumitat Festi Esterni b'capping sa €1600.

## 73.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 73.6.1 Jum Santa Venera

Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex jispjega lill-membri dwar il-programm ta' Jum Santa Venera. Il-Vici Sindku spjega fid-dettal lill-membri l-programm kollu.

### 73.6.2 Ġieħ u Mertu Santa Venera 2023

Is-Sindku informa lill-membri li l-Bord kien ser jiltaqa', it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023 u għaldaqstant ir-rakkomandazzjoni ser issir fl-laqgħa separata.

Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex il-laqgħa issir it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023 fl-4pm.

### 73.6.3 *Traffic Management* Misraħ il-Barrieri/Fanali/Vivion

Is-Sindku spjega lill-membri u poġġa fuq il-mejda tal-kamra pjanta tal-akwati ta' fejn hemm Barbara Music Shop. Wara spezzjoni li saret fiż-żona minn uffiċċjal ta' Transport Malta ġew meħuda xi qisin, ġie innutat li l-problema qedgħa f'dawn il-punti li ġejjin:

1. Iż-żona fejn hemm ir-roundabout hi wiesgħa ħafna u mhux qed tintuża kif suppost għax ħafna mill-vetturi jaqtgħu għad-dritt.
2. Fejn hemm il-vetturi ipparkjati perpendikulari hi wkoll wiesgħa u hi aċċessibbli minn żewġ direzzjonijiet.
3. Hemm wisq toroq jgħatu għal din junction.
4. Hemm lok għal parkeġġ doppju fit-triq biex jixtru mill-ħwienet taż-żona.

Fid-dawl ta' dan kollu, qed jiġi rakkomandat li:

L-aċċess għall-parkeġġ għandu jiġi projbit minn Triq Misrah il-Barrieri u minn Triq il-Fanali

a. Qed jiġi rakkomandat li tinbena central strip fejn tifrex it-traffiku f'żewġ direzzjonijiet; lejn Triq Misraħ il-Barrieri fejn it-traffiku jibqa' sejjer u lejn Triq l-Imsida fejn għandu jgħati prijorita' lil min ġej minn Triq Misraħ il-Barrieri.
b. Triq il-Fanali qed jiġi rakkomandat li jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fejn jiġi toħroġ biss. Biex jikkumplimenta, Triq il-Fanali għandu jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fejn jiġi tidħol biss. Hemm Triq il-Fanali kantuniera ma Triq Reġjonali fejn tista' tidħol u toħroġ minnha.

2. Il-bankini fejn hemm il-parkeġġ perpendikulari għandu jitwessa biex tidjieq it-triq, kif ukoll jinbnew numru ta' build outs fil-kantunieri ħalli l-vetturi jiġu iggwidati kif ukoll iġgħelu inaqqsu mill-veloċita'.

a. It-triq għandha tinżel għall-tlett (3) metri fejn hemm spazju biżżejjed għall-vetturi l-kbar biex jimmanuvraw, imma fl-istess ħin tneħħi l-possibilta' li jsir parkeġġ doppju għax inkella tingħalaq it-triq.

3. Għandha titwaħħal road hump oħra fi Triq Misrah il-Barrieri kantuniera ma Triq il-Ħarrub biex tikkumplimenta ir-road hump li hemm fi Triq il-Ħarrub.

a. It-traffiku għandu jnaqqas minħabba l-hump u b'hekk ma joħroġx b'veloċita' qawwija.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu.

**73.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**73.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 416 ġie innutat li l-ammont tal-pagament Nru 675 kien hemm żball meta kienu ġewipprintjati l-flokkijiet u għaldaqstant il-Kunsill għandu jitlob sabiex ningħataw kumpens.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sa Roberta Sultana u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

**73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**73.9 Lista ta' Ilmenti**

**73.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 258 | Ħaddiema Assenjati |
| 259 | Ħatt ma jistax isir fit-triq |
| 270 | Contracts Manager - pjanti |
| 271 | Liema parti?Spection |
| 273 | Ħaddiema Assenjati |
| 278 | Ħaddiema Assenjati |
| 279 | Work order lil Grima Assenjati |
| 280 | Ħaddiema Assenjati |
| 281 | Ħaddiema Assenjati |
| 282 | Liema Triq? |
| 283 | Ħaddiema Assejnati |
| 284 | Work Order |
| 285 | Work Order |
| 286 | Ħaddiema Assenjati |
| 287 | Work Order lil Grima & Sons |
| 288 | Ħaddiema Assenjati |
| 289 | Transport Malta |
| 290 | Work Order lil Micamed |
| 291 | Ħaddiema Assenjati |
| 292 | Kuntrattur |
| 293 | Ħaddiema Assenjati/TM |
| 294 | Ħaddiema Assenjati |
| 295 | Ġardinar |
| 296 | Work Order lil Grima |
| 297 | Haddiema Assenjati |

## 73.10 Mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsilliera

Is-Sur Vella bagħat bil-miktub mistoqsijiet lis-Sindku. Anness Dok 'A'.

## 73.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Novembru 2023, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati, illum 20 ta' Novembru, 2023